# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 14**

**Rikors numru 53/22/1 MH**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Brian Godfrey Bartolo**

1. Brian Godfrey Bartolo (appellant) appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla tal-31 ta' Mejju 2023 li biha wieġbet għal referenza ordnata mill-Qorti tal-Appell Kriminali billi ddikjarat li l-fatt li l-appellant m'għandux jedd jiltob illi żewġ atti ta' akkużi jingħaqdu flimkien, kuntrarjament għad-dritt li għandu l-Avukat Ġenerali, ma tiksirx il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq minħabba disparità fl-armi. Għalhekk m'hemmx ksur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-fatti.

2. Il-fatti prinċipali huma dawn:

i. L-Avukat Ġenerali ħareġ att ta' akkuża kontra l-appellant (att ta' akkuża numru: 14/2015), u akkużah talli fl-4 ta' Lulju 2009 u ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, ittraffika u kien fil-pussess tad-droga kokaina, u ittraffika u kien fil-pussess tal-pjanta Cannabis, u kien fil-pussess tad-droga eroina. Kien akkużat ukoll li hu reċidiv. L-Avukat Ġenerali talab li l-akkużat jingħata piena ta' għomru l-ħabs. L-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza jitratta l-att tal-akkuża 14/2015.

ii. Fl-istess ġurnata l-Avukat Ġenerali ħareġ att ta' akkuża ieħor kontra l-appellant (att ta' akkuża numru 15/2015) u akkużah talli fil-31 ta' Awwissu 2015 assoċja ruħu ma' persuni f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga f'Malta (raża meħuda mill-cannabis); talli fil-25 ta' Jannar 2011 u matul il-jiem, ġimgħat u xhur ta' qabel ittraffika u kien fil-pussess tar-raża meħuda mill-Cannabis. Kien akkużat ukoll li hu reċidiv. L-Avukat Ġenerali talab li l-akkużat jingħata piena ta' għomru l-ħabs.

iii. L-appellant ammetta l-akkużi kollha li saru fl-att ta' akkuża numru 14/2015, u b'sentenza tal-1 ta' Frar 2021 il-Qorti Kriminali kkundannatu għal 5 snin priġunerija u multa ta' €20,000 wara li:

> *"4. Ikkunsidrat illi fil-kaz odjern, l-akkuzat kien mixli u ammetta ghal-akkuzi ta' traffikar tad-droga kokajina fl-ammont ta' 287 gramma b'purita' ta' 41.7 percentwali, kif ukoll ghall-akkuza ta' traffikar ta' raza tad-droga cannabis fl-ammont ta' 1829.91 gramma b'purita ta' 8.1 percentwali . Oltre dan huwa hati ukoll ta' pussess tad-droga eroina fl-ammont ta' 0.19 gramma b'purita' ta' 5.2 percentwali. Wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, inkluz l-ammissjoni quddiem din il-Qorti wara l-qari tal-Att tal-Akkuza, il-fedina penali raffretarju tieghu u tal-progress li ghamel f'hajtu sabiex jirriforma ruhu u qieset ukoll illi ghandu jibbenefika minn tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-Kap 101 kif ukoll li huwa recediv dwar liema addebitu tghazel illi fic-cirkostanzi ma taghmel ebda zieda fil-piena;".*

iv. L-appellant ammetta wkoll l-akkużi kollha li saru fl-att ta' akkuża numru 15/2015 u l-Qorti Kriminali kkundannatu għal 5 snin priġunerija u multa ta' €12,000. Fis-sentenza l-Qorti Kriminali qalet:

> *"3.Il-Qorti semghet lix-xhieda mressqa mill-akkuzat kif ukoll lill-ufficcjal tal-probation li hejjiet il-pre sentencing report dwar l-akkuzat u rat l-istess rapport. Rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-akkuzat biex jixhdu dwar il-progress li rregistra f'hajtu sabiexjirriforma ruhu inkluz il-kwalifiki akkademici li ottjena fil-mori;*
>
> *4.Ikkunsidrat illi fil-kaz odjern, l-akkuzat kien mixli u ammetta ghal-akkuzi ta' assocjazzjoni ghal-fini ta' traffikar tad-droga konsistenti fir-raza tal-cannabis u traffikar tal-istess droga fl-ammont ta' 981 gramma b'purita' ta' cirka 8.8 percentwali, traffikar u pussess tal-istess droga. Wara li hadet dan kollu in konsiderazzjoni, inkluz l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri quddiem din il-Qorti wara l-qari tal-Att tal-Akkuza , il-fedina penali raffretarja tieghu u tal-progress li ghamel f'hajtu sabiex jirriforma ruhu u qieset ukoll illi ghandu jibbenefika minn tnaqqis ta' zewg gradi fil-piena fit-termini tal-artikolu 29 tal-kap 101, kif ukoll li huwa recediv dwar liema addebitu din il-Qorti tghazel illi ma zzid ebda grad fil-piena fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz".*

v. L-appellant appella minn kull sentenza, u *inter alia* talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tgħaqqad flimkien iż-żewġ atti ta' akkuża.

vi. B'sentenza li ngħatat fit-22 ta' Settembru 2021 f'kull wieħed miż-żewġ appelli, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-aggravju, wara li osservat li bil-liġi m'għandhiex is-setgħa li tordna li żewġ atti ta' akkuża jingħaqdu flimkien, jew li tannulla l-proċeduri u tibgħat lura l-atti quddiem il-Qorti Kriminali sabiex l-Avukat Ġenerali jipproċedi bil-ħruġ ta' att ta' akkuża wieħed. Il-Qorti *inter alia* qalet:

> *"**19**. In suċċint ghalhekk, minn eżami tad-dritt u tal-gurisprudenża in materja, l-Qorti tqis illi għandha idejha marbuta billi l-leġislatur ma għoġbux ilibbisha bis-setgħa li tagħmel dak imħolli unikament fid-diskrezzjoni ta'l-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ għażel, fl-ewwel lok li ma jixlix lill-appellant bir-reati minnu kommessi fi żminijiet differenti fl-istess Att t'Akkuża, u imbagħad meta għażel li ma jressaqx talba quddiem il-Qorti Kriminali kif maħsub fl-artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali, bl-appellant igħaddi biex jammetti għall-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu fiż-żewġ każijiet. Illi allura, l-uniku setgħa li għandha din il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, huwa illi tilqa' għall-effetti kuntrarji maħluqa bin-nuqqas ta' applikazzjoni ta'l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u dan meta tigi biex tqies l-aggravju marbut mal-piena erogata mill-Qorti Kriminali fil-konfront tal-ġudikabbli".*

vii. Imbagħad b'ordni tal-15 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali ordnat referenza *ai termini* tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 4(3) tal-Kap. 319 bid-domanda li saret lill-Qorti Ċivili, Prim'Awla tkun:

> *".. jekk bil-fatt illi fil-proċeduri penali miġjuba kontra l-appellant, huwa ma ġiex mogħti il-jedd illi jitlob illi ż-żewġ atti t'akkuża maħruġa kontra tiegħu fl-istess jum jiġi mgħaqqdin flimkien, filwaqt li din il-prerogattiva hija mogħtija biss lill-Avukat Ġenerali, tistax twassal għal vjolazzjoni tad-dritt xieraq tiegħu għal smigħ xieraq minħabba disparita' fl-armi, fejn*

> *huwa ser ibati preġudizzju meta f'każ ta' konferma ta' sejbien ta' ħtija ser jiġi kkundannat għal piena aktar severa, u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 39 tall-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u li tagħtih rimedju skont il-liġi".*

3. Fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza tal-QEDB u lokali, irraġunat li:

i. Il-parità maħsuba taħt Art. 6 tal-Konvenzjoni hu li *".... kull parti involuta fil-proċess ġudizzjarju jkollha fis-smigħ fejn jitratta prinċipalment ta' evidenza u sottomissjonijiet tal-partijiet, li jiġi għalhekk assigurat li kull parti hekk involuta tkun fuq bilanċ totali"*.

ii. Is-sentenza **<u>Coeme v. Belgium</u>** li għamel referenza għaliha l-appellant, m'għandha x'taqsam xejn mal-każ in eżami. Dik is-sentenza kienet titratta każ fejn il-Qorti tal-Kassazzjoni aġixxiet bħala leġislatur għal dak li jirrigwarda proċedura. L-akkużat sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ma kienx jaf minn qabel x'kienet il-proċedura li ser issegwi l-Qorti waqt il-proċeduri.

iii. Id-diskrezzjoni li l-liġi tagħti lill-prosekutur hi meħtieġa fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu u jrid ikollu latitudni għall-mod kif għandu jipproċedi fl-aħjar interess tal-ġustizzja. L-Ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza dwar id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali b'referenza għall-Art. 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101), fejn

kien deċiż li m'hemmx ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq protett bl-Art. 6 tal-Konvenzjoni (ara pereżempju **John U Umeh v. The Attorney Generali** tas-27 ta' Novembru 2017 u **Claudio Porsenna v. Avukat Ġenerali** tas-16 ta' Marzu 2015).

iv. Kien l-appellant li minn jeddu ammetta l-akkużi. L-appellant, *"... ingħata kull opportunita' li jinstema' u jressaq xhieda u jikkontro-eżamina l-istess, dejjem quddiem Qorti indipendenti w imparzjali, dan fi ħdan ta' dak li huma meqjusa adversarial proceedings. Id-dritt tas-smigħ xieraq jagħti l-garanziji ta' kif jimxu l-proċeduri pero ma jolqotx id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali, jolqot u jirregola l-andament tal-proċeduri pero' mhux l-piena per se. Id-diskrezzjoni li l-Avukat Ġenerali eżerċita u ċioe' li ma jgħaqqadx żewġ atti ta' akkuża ma jinċidi xejn fuq kif imxew il-proċeduri. Lanqas ma jikser il-parti tal-armi. Fil-fatt din il-parita li fuqha jilmenta Bartolo m'għandha x'taqsam xejn mal-pieni li għandu jeħel ħati. L-parita' li hija marbuta sfiq mal-artikolu 6 u 39 hija msejsa fuq il-bilanċ li għandu jkun hemm fl-andament tal-proċeduri, f'kull ħin tagħhom, sa minn x'ħin l-imputat jiġi adebitat bl hekk imsejjaħ criminal charge. Il-parita' tal-armi pero' ma tagħtix lil ħati dritt jiddetermina hu x'piena għandu jeħel sakemm din hija waħda li taqa' fl-ambitu tal-liġi".*

v. L-għażla dwar il-piena tmiss lill-prosekutur bis-saħħa tal-liġi. Inoltre, ir-reati li bihom kien akkużat l-appellant saru fi żminijiet differenti. It-tieni darba li tressaq il-qorti (28 ta' Jannar 2011) kien wara li fid-29 ta' Marzu 2010 kien tressaq il-qorti dwar l-ewwel każ.

vi. Għamlet ukoll referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin li ħadu l-pożizzjoni li jistgħu jimmoderaw il-piena a bażi tal-Art. 18 tal-Kodiċi Kriminali minkejja li jkun hemm iktar minn att ta' akkuża wieħed. L-Ewwel Qorti kkonkludiet, *"Dawn ir-referenzi l-qorti ma tagħmilhomx b'mod leġġer in kwantu għalkemm ma tqisx li hemm il-leżjoni prospettata minn Brian Godfrey Bartolo xorta l-Qrati nostrali ħasbu biex ipaċu għan-nuqqas. Dan huwa rifless meta wieħed jikkunsidra l-massimu ta' piena maħsuba u dik li fil-verita' tkun ġiet inflitta"*.

4. Għalhekk l-Ewwel Qorti kkonkludiet:

> *"Konsegwentment qegħda twieġeb għar-referenza lilha mibgħuta billi tqies li bil-fatt illi fil-proċeduri penali miġjuba kontra Brian Godfrey Bartolo huwa ma ġiex mogħti il-jedd illi jitlob illi ż-żewġ Atti t'Akkuża maħruga kontra tiegħu fl-istess jum jiġu mgħaqqdin flimkien, filwaqt li din il-prerogattiva hija mogħtija biss lill-Avukat Ġenerali, ma twassalx għal vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba disparita' fl-armi, fejn huwa ser ibati preġudizzju meta f'każ ta' konferma ta' sejbien ta' ħtija ser jiġi kkundannat għal piena aktar severa, u għalhekk ma hemmx ksur ta' dak dispost fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem"*.

5. L-appellant appella u jilmenta li hu, mhux bħall-Avukat Ġenerali, ma kellux jedd li jitlob lill-Qorti biex tgħaqqad l-akkużi flimkien. Isostni li

kieku ż-żewġ atti ta’ akkuża ngħaqdu flimkien, dan kien iwassal biex japplika l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali;

> *“10..... jekk għal fini ta’ piena ikun jeżisti u/jew ikun applikabbli xi mekkaniżmu proċedurali, bħala ma huwa l-istitut tar-reat kontinwat, mela r-rikorrent ma għandux ikun mcahhad ingustament minn tali mekkanizmu purament ghaliex il-Prosekutur, bl-ezercitar tal-prerogattiva esklussiva tieghu, ghazel hekk icahhdu.*
>
> *11. B'kull rispett, istitut legali ghandu jigi applikat kull meta ikun applikabbli u mhux meta l-Prosekuzzjoni tiddeciedi li tapplikah! U huwa f’dan l-isfond li r-rikorrenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti saħaq li ma jkunx hemm ir-riskju li l-poteri diskrezzjonali esklussivi tal-Avukat Generali jigu tradotti f’abbuzi kieku l-prerogattiva mahsuba fl-artikolu 595 tal-Kodici Kriminali ma tkunx wahda applikabbli biss fug talba tal-Avukat Generali, izda tkun wahda applikabbli anke mill-Qorti stess, 'ex officio.*
>
> *…………*
>
> *13. Huwa car li, l-artikolu 595 tal-Kodici Kriminali, kif redatt, w il-poter esklussiv moghti lill-Avukat Generali, sabiex jiddeciedi hu biss jekk zewg Atti ta' Akkuza jew izjed "jigu maghqudin biex jigu ggudikati flimkien" jew le, hija cirkostanza li, minnha nnifisha, twassal ghall-disparita' fl-armi u kwindi vjolazzioni ta dritt ghal smigh xieraq u dana peress illi l-Qorti li geghda tiggudika lill-akkuzat u li effetivament tkun sejra tinfliggi l-piena, qieghda tigi prekluza illi ex officio tapplika a favur l-akkuzat dak il-beneficoju li huwa ghandu dritt jippretendi, ex lege, a bazi tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk hija prekluza milli tapplika r-regoli ta' reat kontinwat.*
>
> *14. L-esponenti jikkondividi l-hsieb tal-Ewwel Onorabbli Qorti in kwantu tenniet li huwa l-Avukat Generali li ghandu jezamina l-applikazzioni tad-diskrezzioni tieghu u li tali diskrezzioni ghandha tigi ezercitata b'harsien lejn dawk il-principji u gwidi li ma jwasslux ghall-arbitrarjeta". Pero' b'kull rispett, fil-kaz in disamina tali diskrezzioni ma gietx ezercitata b'diligenza - anzi bil-kontra. U ir-raguni hija wahda u semplici u cioe' li ma kienx hemm raguni valida wahda ghaliex l-Avukat Generali icahhad lir-rikorrent mill-beneficcju tal-istitut tar-reat kontinwat meta' tali istitut legali kien perfettament applikabbli !”.*

6. Fit-30 ta’ Ġunju 2023 l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

Konsiderazzjoni.

7. L-appell ta' Brian Godfrey Bartolo hu identiku għal dak tal-appell numru 54/2022/1 (b'referenza għall-att ta' akkuża numru 15/2015) deċiż illum. Għalhekk jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet.

8. Skont l-Artikolu 595 tal-Kodiċi Kriminali:

> *"Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 591 u 593, jekk żewġ atti ta' akkuża jew iżjed jiġu ppreżentati fl-istess żmien jew fi żminijiet diversi, il-qorti tista', fuq talba tal-Avukat Ġenerali, tordna li huma jiġu magħqudin biex jiġu iġġudikati flimkien".*

9. L-Artikolu 591 jitratta dwar akkużi kontra żewġ persuni jew aktar bħala awturi jew kompliċi fl-istess reat, jew bħala ħatjin ta' reati diversi li jkollhom konnessjoni bejniethom. Ir-reati li huma konnessi huma dawk li jissemmew f'Artikolu 592. Min-naħa l-oħra l-Art. 593 jitratta dwar reati magħmulin minn persuna waħda, li mhux konnessi bejniethom.

10. Il-Kodiċi Kriminali ma jagħtix lill-akkużat l-istess jedd mogħti lill-Avukat Ġenerali taħt Artikolu 595.

11. L-appellant isostni li peress li l-Avukat Ġenerali għażel li joħroġ żewġ atti ta' akkużi, allura l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali ma jistax japplika għall-każijiet tiegħu. Dik id-dispożizzjoni tipprovdi:

> *"Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi".*

12. Dik id-dispożizzjoni għandha l-għan li timmitiga l-pieni fuq il-ħati (ara x'qalet il-QEDB dwar reat kontinwat fis-sentenza **Rohlena v. The Czech Republic** (59552/08) tas-27 ta' Jannar 2015; paragrafi 30-37), għalkemm fis-sentenzi li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat b'referenza għall-ewwel aggravju, għamlet referenza għal sentenza oħra li fiha kien spjegat kif l-applikazzjoni tal-Art. 18 tal-Kodiċi Kriminali jista' jkun ta' żvantaġġ għall-akkużat għal dak li għandu x'jaqsam mal-preskrizzjoni tal-azzjoni.

13. Mill-provi rriżulta li r-reati li bihom ġie akkużat l-appellant fl-atti ta' akkuża 14/2015 u 15/2015 saru fi żminijiet differenti. Fit-tweġiba l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat qalu li ma jaqblux li kieku nħareġ att ta' akkuża wieħed, kien japplika l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Isostnu li fil-każ in eżami r-reati li wettaq l-appellant ma sarux b'riżoluzzjoni waħda, tant li għaddew kwazi sentejn bejn ir-reati li jissemmew fl-att ta' akkuża 14/2015 u dawk fl-att ta' akkuża 15/2015. Jekk ir-reati sarux b'riżoluzzjoni waħda hi materja li għandha tiġi mistħarrġa u determinata fil-proċeduri kriminali u mhux mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla jew minn din il-Qorti fil-proċedura ta' referenza.

14. Il-prinċipju ta' *equality of arms* hu wieħed mill-elementi essenzjali ta' smigħ xieraq. Il-Kummissjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, f'rapport li għamlet fil-każijiet **<u>Pataki (596/59) and Dunshirn (789/60) v. Austria</u>** (rapport tal-Kummissjoni addottat fit-28 ta' Marzu 1963), osservat:

> *"The equality of arms, that is <u>the procedural equality of the accused with the public prosecutor</u>, is an inherent element of 'fair trial'. Whether such equality has its legal basis in paragraph 3 depends upon the interpretation of subparagraphs (b)(...) and (c) (....). The Commission needs not express a definitive opinion on this question, since in any case it is beyond doubt, that <u>the wider and generali provision of a 'fair trial', contained in paragraph 1 of Art. 6, embodies the notion of 'equality of arms</u>'".*

15. L-appellant qiegħed isostni li kieku l-Avukat Ġenerali ħareġ att ta' akkuża wieħed, fil-każ tiegħu l-atti kienu jitqiesu bħala reat wieħed u jieħu benefiċċju ta' piena inqas minn dawk li tatu l-Qorti Kriminali.

16. Id-domanda li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali hi fis-sens jekk id-dritt tal-Avukat Ġenerali li jitlob li akkużi jingħaqdu flimkien sabiex jiġu ġudikati f'att ta' akkuża wieħed, joħloqx disparità fl-armi mad-difiża għaliex fil-liġi mhijiex mogħtija dak l-istess jedd. Hu l-Avukat Ġenerali li joħroġ l-atti ta' akkuża, u għalhekk l-għażla hi f'idejh joħroġx att ta' akkuża wieħed jew iktar. M'huwiex magħruf x'kienet ir-raġuni għalfejn fl-istess ġurnata l-Avukat Ġenerali ħareġ żewġ atti ta' akkuża separati minflok att ta' akkuża wieħed. Madankollu, jibqa' l-fatt li dik kienet prerogattiva

tiegħu, u m'hemmx indikazzjoni li kien hemm xi abbuż bil-mod kif ipproċeda.

17. Hu evidenti li l-appellant kellu l-opportunità kollha li jressaq il-każ tiegħu taħt kondizzjonijiet li ma jpoġġuhx f'xi żvantaġġ sostanzjali mal-prosekuzzjoni. Il-kwistjoni li qajjem l-appellant dwar il-fatt li ma setax jitlob lill-Qorti Kriminali biex tgħaqqad iż-żewġ atti ta' akkuża f'waħda, hi rilevanti għall-finijiet ta' piena. M'għandhiex x'taqsam mad-determinazzjoni tal-ħtija tal-akkuża kriminali. Dan ma jfissirx li l-jedd għal smigħ xieraq japplika biss sal-mument li tingħata deċiżjoni dwar il-ħtija *o meno* tar-reati li bihom ikun ġie akkużat. L-Art. 6(1) abbinat ma' paragrafu (3) japplika wkoll fl-istadju tal-piena (ara pereżempju **Aleksandr Dementyev v. Russia** tat-28 ta' Novembru 2013, para. 23). L-istess japplika fir-rigward tal-Art. 39 tal-Kostituzzjoni.

18. Il-Qorti tosserva:

i. Il-każ tal-appellant għadu *sub judice* quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Wieħed mill-aggravji hu proprju dwar il-piena u għalhekk dik hi materja li għad trid tiġi mistħarrġa mill-Ewwel Qorti;

ii. Jekk għall-grazzja biss tal-argument japplika l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għall-każijiet tal-appellant, kieku ħareġ att ta' akkuża

wieħed m'hemmx garanzija li kien ser jiġi kkundannat għall-piena inqas. Ir-reati li kkommetta l-appellant iġorru magħhom piena sa għomor il-ħabs, apparti li fl-applikazzjoni tal-Art. 18 il-Qorti tista' żżid il-piena minn grad sa żewġ gradi;

iii. Fid-deċiżjoni li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru 2021, għamlitha ċara li meta tiġi biex tikkunsidra l-aggravju dwar il-piena li tatu l-Qorti Kriminali, għandha s-setgħa, *".... illi tilqa' għall-effetti kuntrarji maħluqa bin-nuqqas ta' applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali"*. Mela l-Qorti tal-Appell Kriminali diġà għamlet il-pożizzjoni tagħha ċara. Dik wara kollox hi l-pożizzjoni tal-ġurisprudena li l-appellant stess għamel referenza għaliha f'paragrafi 23 u 24 tar-rikors tal-appell, u li semmiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza li tat dwar l-ewwel aggravju tal-appell tal-appellant. Għalhekk hemm prattika ġudizzjarja ċara li l-qrati jikkunsidraw dak li jipprovdi l-Art. 18 minkejja li jkun hemm iktar minn att ta' akkuża wieħed.[1] Apparti l-fatti li m'hemm xejn fil-liġi ordinarja li ma jippermettix li jsir dak l-eżerċizzju. Għalhekk hu żbaljat l-appellant meta jgħid li mhijiex issir ġustizzja minħabba nuqqas ta' bilanċ bejn il-poter tal-prosekuzzjoni u d-drittijiet tal-akkużat li jibbenifika minn vantaġġi legali.

[1] Hekk pereżempju **l-Pulizija v. Joseph Galea**, Qorti tal-Appell Kriminali 3 ta' Novembru 1995; **il-Pulizija v. Carmelo Innorcia**, Qorti tal-Appell Kriminali 31 ta' Lulju 2009; **ir-Repubblika ta' Malta v. David Gatt**, Qorti tal-Appell Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2013.

19. L-appellant għamel ukoll referenza għas-sentenza **Natunen v. Finland** tal-QEDB. Però l-fatti ta' dak il-każ kellhom x'jaqsmu ma' *disclosure* ta' provi, li mhijiex il-kwistjoni mertu tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti.

20. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Ewwel Qorti u ssib li l-appell tal-appellant mhuwiex ġustifikat.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza titpoġġa fl-atti tal-proċeduri kriminali relattivi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm